# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis sitta (6) ta' Lulju 2017**

**Rikors Numru 153/14 FDP**

**Charles Falzon**
**(ID 168587M)**

**vs**

**Michael Debono Limited**
**(C 10002)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit-30 ta' April 2014 fejn talab lill-Qorti sabiex tikkundanna lis-socjeta intimata thallasu dik is-somma li jidhrilha xieraq il-Qorti in linea ta' riduzzjoni fil-prezz imhallas mir-rikorrenti ghall-akkwist tal-vettura tal-marka Toyota li ghandha n-numru ta' registrazzjoni HTY 015, liema vettura jirrizulta li hija kolpit b'difett sostanzjali u mohbi konsistenti f'sadid li kull ma jmur qieghed jitfacca u jinfirez f'partijiet ohra varji ta' l-istess vettura, li jirrizulta li ma hijiex tal-kwalita' pattwita, liema vettur huwa ma kienx jakkwistaha bil-prezz li giet akkwistata kieku kien konxju ta' dan id-difett fil-mument tal-akkwist.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ppresentat fit 3 ta' Gunju 2014 ippremettiet illi r-rikors promutur kien irritu u null stante illi huwa konfuz, ghaliex mhux car taht liema disposizzjoni tal-ligi qed issir il-kawza u cioe hijiex l-actio aestimatoria skont 1-artikolu 1427 tal-Kap sittax tal-Ligijiet ta' Malta jew hijiex kawza dwar il-kwalita pattwita skont 1-artikolu 1390 tal-Kap sittax tal-Ligijiet ta' Malta. Eccepiet wkoll illi t-talba hija preskritta skont 1-artikolu 1407 (1) u 1-artikolu 1431 (1) tal-Kap sittax tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt illi sahqet li1-allegazzjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi fit 7 ta' Lulju 2014, l-Qorti appuntant lill **Espert Tekniku Joe Magri** sabiex jispezzjona il-vettura meritu tal-kawza odjerna, ossija Toyota Avensis HTY 016, u jirrelata dwar l-ilmenti illi qed jaghmel ir-rikorrent.

Rat id-dokumentazzjoni ippresentat mir-rikorrent fis 17 ta’ Lulju 2014, inkluz ir-registrazzjoni tal-vettura bhala TAXI-222 u ir-rapport tal-espert imqabbad mir-rikorrent, **Natalino Agius**, redatt fid 9 ta’ April 2014 (fol 12 – 20).

Rat illi fit-12 ta’ Frar 2015 l-Espert Tekniku Joe Magri ippresenta r-rapport bil-konkluzjonjiet tieghu (fol 31-36).

Rat illi fl-14 ta’ Mejju 2015 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu qed jippruvaw jittransigu.

Rat illi fit 28 ta’ Mejju 2015 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet ma wasslux ghal transazzjoni.

Rat illi fit 28 ta’ Mejju 2015 il-Qorti appuntant lill **Espert Surveyor Peter Bonnici** sabiex jirrelata dwar l-ispejjez biex tali vettura tigi riparata kif ukoll l-loss of use illi tali riparazzjoni kienet ser tirreka.

Rat illi fl-1 ta’ Frar 2016 l-Espert Surveyor Peter Bonnici ippresenta r-rapport bl-istimi u konkluzjonijiet tieghu (fol 54-58).

Rat l-affidavit ta’ **Charles Falzon** ippresentat fil 15 ta’ Marzu 2016 flimkien ma’ dokumentazzjoni mieghu annessi. (fol 63-66).

Semghet ix-xhieda ta’ **Andrew Vella**, Service u Body Shop Manager fi hdan is-socjeta intimata, moghtija fis 27 ta’ Gunju 2016.

Semghet ix-xhieda ta’ **Neil Falzon**, Sales Manager fi hdan is-socjeta intimata, moghtija fl-24 ta’ Ottubru 2016.

Rat l-affidavit ta’ **Patrick Clarke**, General Manager tas-socjeta intimata, ippresentat fl-1 ta’ Dicembru 2016 fl-atti tal-kawza 152/2014 fl-ismijiet ‘Charles Falzon vs Michael Debono Limited’ illi kienet miexja kontemporanjament mal-kawza odjerna u li giet deciza llum.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Charles Falzon moghtija fl-1 ta’ Dicembru 2016.

Rat illi fit 23 ta’ Frar 2017 il-Qorti giet infurmata illi l-partijiet kienu, ghal darba ohra, qed jikkunsidraw jittransigu l-kaz.

Rat illi fis 27 ta’ April 2017 il-Qorti giet infurmata illi transazzjoni ma intlaqhiqietx u ghalhekk il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 12 ta’ Gunju 2017, wara liema data il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi r-rikorrent kien xtara il-vettura Toyota Avensis HTY 015 fl 24 ta’ Awissu 2011 (fol 65) illi huwa eventwalment irregistra bhala TAXI 222 ghall-prezz ta’ €36,695.

Jirrizulta illi fl-ahhar ta' Dicembru 2013 u l-bidu ta' Jannar 2014, r-rikorrent intebah b'diversi problemi ta' sadid f'partijiet tal-vettura u mar ghand is-socjeta intimata bil-ghan illi jsolvulu l-problema kif ukoll jinghata riduzzjoni fil-prezz illi huwa kien gia hallas.

Jirrizulta illi, fi kliem ir-rikorrent stess (fol 64):

> *"... jiena ridt li s-socjeta intimata ssewwi l-vettura tieghi u taghtini garanzija fuq ix-xoghol ta' tiswija li hija kienet sejra taghmel. Barra minnhekk, jiena ridt ukoll illi s-socjeta intimata taghtini ammont ragjonevoli ta' deprezzament billi certament ma stajtx inbiegh din il-vettura minghajr ma nghid lill-kompratur propettiv b'dawn il-problemi"*

Jirrizulta, illi da parte tas-socjeta intimata, kif xehed Patrick Clark, il-General Manager taghha, s-socjeta intimata kienet disposta taghmel is-segwenti (fol 93):

> *(i) Replace the vehicles' doors and ancillary parts free of charge. Replaced parts would have included any design improvements as instructed by the manufacturer.*
>
> *(ii) Clean out any surface rust in the booth sills area that required attention (beneath boot rubber).*
>
> *(iii) Re-spray the doors and sills as necessary.*
>
> *(iv) All work would have been carried out in accordance with Toyota repair standards using only original Toyota parts and Toyota-approved materials and the such works would be covered by both the manufacturer and legal guarantees.*
>
> *(v) Furthermore, we committed to provide a vehicle that can be temporarily registered with the competent authority for use as a taxi for the duration of the repairs.*
>
> *(vi) All repairs would have been carried out at MDL's expense.*

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta rikorrenti ma kienetx disposta illi thallas ghal deprezzament tal-vettura peress illi, skond hi, il-vettura tintuza hafna bhala Taxi u ghalhekk il-valur taghhom jinzel konsiderevolment apparti milli fatt illi l-eta' tal-vettura kienet tali illi l-valur ta' vettura bhal tar-rikorrent, mixtrija ghal €35,260 fl-24 ta' Awissu 2011 (fol 65) kien ta' madwar €9,000 fis-sena 2006, skond il-General Manager Patrick Clarke (fol 94 tal-kawza 152/2014 fuq imsemmija).

Jirrizulta illi eventwalment il-partijiet ma wasslux fi ftehim u ghalhekk inbdiet il-kawza odjerna.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi l-Espert Tekniku mqabbad mill-Qorti, Joe Magri, ghamel is-segwenti osservazzjonijiet fir-rapport tieghu (fol 32-36):

> *The owner of the vehicle noticed some rust at the door frames and the following inspection was carried out to determine whether corrosion was also present at other points of the vehicle.*

*In general it is possible to distinguish between two different types of corrosion on the car body. If the car paint is damaged or there is a fault in the painting process by the manufacturer, the consequence is rust creeping under the paint Such corrosion thus starts from the outside of the body and is called cosmetic corrosion.*

*The other type starts from inside some kind of crevice, e.g. in spot welded points or in hem flanges and overlaps and is called "perforation corrosion".*

*The structure of todays' cars is very complex due the use of thin steel pressed into complex forms which when welded together to form a structure which is strong enough to meet todays' stingiest regulation of safety for the occupants. This presents us with a number of closed cavities, spot welding and metal overlaps. "Perforation corrosion" starts inside the closed cavities or crevices.*

*The external paintwork of the vehicle was thoroughly inspected and showed no signs of cosmetic corrosion although a few minor stone chips were present at the rocker panels.*

*With the vehicle still on the ground, an inspection of all external joints and overlaps were carried out followed by an inspection of closed cavities using the endoscope.*

*No sign of corrosion was present at the following critical points:*

- *The hem joint surrounding the four doors, bonnet and boot lid*
- *Overlaps and spot welding at the A, B and C pillars*
- *Overlaps and spot welding in engine bay and cowl.*
- *Fastening between rear wings and outer wheel house.*

*RUST POINTS REVEALED*

*1. Welded joints at both ends of front bumper support. This can be considered as cosmetic corrosion since it appears only on the external surface and can be corrected with some form of paint or wax application.*

*2 The top part of the window frames showed signs of corrosion. With the rubber moulding lifted, there is an overlap of steel and the external joint is not well protected against corrosion.*

*3. Both front doors showed signs of metal fatigue at the point where the door stopper is attached to the door. The crack created in the metal is starting to corrode.*

*4. With the boot lid open and rubber seal lifted up there is a little sign of corrosion at the seam.*

*5. Signs or rust starting also insure the bonnet stiffiner at the left side of the hinge attachment visible only through an endoscope.*

*INSPECTION WITH THE CAR LIFTED ON A HOIST*

*Parts removed:*

*Front wheels*
*Plastic guards*
*Rubber plugs covering inspection points of the closed cavities.*

*All external spot welded points and seams where inspected for signs of corrosion.*

*The internal surface of the closed cavities where inspected one by one through inspection holes using the endoscope.*

*No signs of corrosion was revealed on the underside and in the structural components of the vehicle.*

*CONCLUSION*

*Since the rust revealed is only localised, it does not present a serious problem to the car.*

*The cosmetic corrosion at the front bumper support can be effectively cleaned and re-treated.*

*Perforation corrosion at the 4 door frames can be professionally controlled or if necessary replace the effected part.*

*Corrosion at the door stopper attachment of front left door is due to the metal crack present. This crack needs a full investigation and study of the door structure to establish the cause and also decide whether it can be repaired effectively. Such an investigation can only be done by a steel structure enginees and the door has to be stripped completely. Replacement of the door will solve all problems.*

Jirrizulta illi l-Espert Surveyor mqabbad mill-Qorti Peter Bonnici, fir-rapport tieghu, ghamel is-segwenti osservazzjonijiet (fol 54-56):

*Rust/Corrosion found located to varying degrees around the four door frames, at the lock-striker base on the rear panel, and to a considerable extent, on the front bumper reinforcement.*

*Recommended corrective measures would include replacement of all 4 doors and damaged/unusable trim components, spray painting of same including blending operations on the four adjacent panels.*

*Replacement of front bumber reinforcement and spray painting of same; removal of superficial rust at seam and spray-paint touch-up.*

*Clearing of light rust debris from rear panel striker base, application of treatment and spray painting of same.*

*Approximate repair time will reach 37 hours, which translates into 8 working days.*

Jirrizulta illi l-istess Espert Surveyor ikkwantifika l-valur tax-xoghol rikjest fl-ammont ta' €1,108, salv spejjez ta' "*loss of use*".

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi d-difiza tas-socjeta intimata huma principalment tlieta:

- illi l-azzjoni hija nulla ghax t-talba hija wahda konfuza u mhux car jekk hemmx azzjoni aestimatorja taht l-Artikolu 1427 tal-Kap 16 jew inkella azzjoni talli mhux tal kwalita' pattwita taht l-Artikolu 1390 tal-Kap 16.
- illi l-azzjoni hija preskitta a tenur tal-Artikolu 1407 (1) u 1431 (1) tal-Kap 16.
- illi l-allegazzjonijiet tal-attur huma infondati.

**Konfuzjoni ta' Azzjoni**

Jirrizulta illi z-zewgt azzjonijiet illi semmi s-socjeta intimata fid-difiza taghha huma s-segwenti:

> ***Artikolu 1390.***
>
> *Jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalità mwiegħda, jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni, jew li jircievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' periti.*
>
> ***Artikolu 1427***
>
> *Fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 1424 u 1426, ix-xerrej jista' jagħżel, billi jiġi '1 quddiem bl-azzjoni redibitorja, li jagħti lura l-ħaġa u jitlob ir-radd tal-prezz, inkella, billi jiġi '1 quddiem bl-azzjoni stimatorja, li jżomm il-ħaġa u jitlob lura dik il-biċċa mill-prezz li tiġi stabbilita mill-qorti.*

Jirrizulta illi l-Artikolu 1424, li ghaliha ssir referenza fl-artikoli 1427 fuq imsemmi, jinghad is-segwenti:

> *Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom.*

Jirrizulta illi fil-kaz odjern, l-azzjoni kkontemplata fl-Artikolu 1390 tiskatta meta, kif tghid il-Ligi "*l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna"* oggett filwaqt illi l-azzjoni kkontemplata fl-Artikolu 1427 hija bbazata fuq l-obbligu illi ghandu l-bejjiegh a tenur tal-Artikolu 1424 "*li jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa"*.

Jirrizulta illi l-azzjoni tar-rikorrent, kif jidher fir-rikors promotur, hija wahda ta' riduzzjoni fil-prezz tal-akkwist ta' *"vettura* (li) *jirrizulta li hija kolpita' b'difett* sostanzjali u *mohbi".*

Ghalhekk, ghandu jkun car illi l-azzjoni hija wahda bbazata fuq l-artikolu 1424 u 1424 tal-Kap 16, u ghalhekk tali eccezzjoni ma tirrizultax ippruvata.

**Preskrizzjoni**

Jirrizulta illi s-socjeta intimata qajjem preskrizzjoni abbazi ta’ zewgt artikolu differenti, ossija 1407 (1) u 1431 (1) tal-Kap 16, izda stante illi gie stabbilit illi l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq l-artkolu 1424 et seq, ser jigi kkunsidrat biss l-eccezzjoni abbazi tal-Artikolu 1431 (1) tal-Kap 16.

Jirrizulta illi l-Artikolu 1431 tal-Kap 16 jipprovdi dan li gej:

> *(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*
>
> *(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

Jirrizulta skond ir-rapporti peritali, illi d-difett illi minnu qieghed jillamenta ir-rikorrent, kien wiehed mohbi peress illi s-sadid principali, ossija dak tal-bibien huwa, kif jghid l-espert stess “*perforation corrosion*”, ossija sadid illi beda minn gewwa l-vettura u ghalhekk certament mohbi.

Jirrizulta wkoll, skond ix-xhieda tas-socjeta intimata stess, illi lejn l-ahhar tas-sena 2013 u l-bidu tas-sena 2014 r-rikorrent kien ikkomunika mas-socjeta intimata u, fis-6 ta’ Marzu 2014, skond Patrick Clark, saret laqgha bejniethom ukoll, f’liema laqgha s-socjeta intimata ressqet il-proposta taghha, li ghaliha ma kienx hemm ftehim.

Jirrizulta illi fil-kaz in kwistjoni, il-periodu preskrittiv kellu jkun ta’ sitt xhur, u dana minn meta r-rikorrent intebah bid-difett.

Jirrizulta illi, skond ix-xhieda ta’ Andrew Vella (fol 69), l-ewwel ilment sar f’Dicembru 2013 filwaqt illi jirrizulta illi l-azzjoni odjerna saret fit 30 ta’ April 2013.

Jirrizulta ghalhekk illi l-azzjoni odjerna saret entro il-periodi preskrittiv ta’ sitt xhur minn meta ntebah r-rikorrent bid-difett, u ghalhekk it-tieni eccezzjoni ma tirrizultax ippruvata.

**Allegazzjonijiet infondati**

Jirrizulta, mir-rapport taz-zewgt esperti mqabbda mill-Qorti, illi l-vettura kienet qieghda turi sinjali ta’ sadid f’varji postijiet tal-vettura, uhud minnhom hekk imsejjha ‘cosmetic corrosion’ u uhud minnhom aktar gravi u hekk imsejjha ‘perforation corrosion’.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata kienet ben a korrent ta’ dina l-problema u, di fatti, kif jidher fl-affidavit ta’ Patrick Clarke, General Manager ta’ l-istess socjeta intimata, kienu disposti illi jbiddlu l-bibien kollha u jergghu jaghtuhom spray gdida u jittrattaw kull fejn kien hemm ‘cosmetic corrosion’.

Jirrizulta wkoll illi l-istess socjeta intimata kienet disposta illi tiggarantixxi x-xoghol u prodott kollu minnha pprovdut kif ukoll illi kienet ser tipprovdi ghal vettura li tista tintuza bhala Taxi ghall-periodu ta’ zmien kollu li ghaliha l-vettura tar-rikorrent kienet ser tkun wieqfa.

Jirrizulta, fi kliem Patrick Clark stes, illi "*Our offer was not taken up but is still valid*".

Jirrizulta, ghalhekk, illi huwa kemmxejn inverosimili illi s-socjeta intimata tressaq eccezzjoni illi dak lamentat mir-rikorrent ma kien minnu xejn, meta attwalment hemm ammissjoni cara mis-socjeta intimata stess illi l-problemi kienu hemm u riedu jsolvuhom.

Jirrizulta, ghalhekk, illi tali eccezzjoni ma ssib assolutament ebda bazi.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-unika kwistjoni pendenti illi jonqosha dina l-Qorti, u li attwalment hija r-raguni ghaliex din il-kawza spiccat quddiema, kien jekk ir-rikorrent ghandhux jinghata d-dritt illi bicca mill-prezz tal-vettura tinghata lura lilu bl-azzjoni odjerna, hekk imsejjha '*azzjoni stimatorja*'.

In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Helen Micallef vs Godfrey Debattista** tas-27 ta' Ottubru 2005 qalet hekk dwar l-azzjoni bbażata fuq id-difett mistur tal-oġġett mixtri:

> *"Illi l-elementi tal-azzjoni sussidjarja rexissorja magħżula mill-attriċi jikkonsistu (a) f'bejgħ format ta' ħaġa milquta b'difett li jkun (b) gravi u serju, li (ċ) jkun mistur, u (d) li jkun diġa' jeżisti fil-waqt tal-bejgħ. Biex jista' jingħad li d- difett ikun serju, irid jew ikun tali li, minħabba fih, il-ħaġa mixtrija ma tibqax aktar tajba għall-għan li għalih inxtrat (dan jissejjaħ difett gravi oġġettiv), jew inkella d-difett ikun tali li, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx iħallas għall- ħaġa daqskemm fil-fatt ikun ħallas biex kisibha (dan jissejjaħ difett gravi suġġettiv). X'aktarx li għall-finijiet tal-azzjoni redibitorja, id-difett irid ikun oġġettivament serju. Difett ikun moħbi meta xerrej ta' dehen ordinarju li jagħmel eżami għaqli tal-ħaġa mixtrija bil-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma jkunx jew ma kienx f'qagħda li jista' jintebah bih fil-waqt tax-xiri. Iżda jekk difett ikun wieħed li jista' jidher jekk isir eżami xieraq, ma jibqax aktar difett mistur, ukoll jekk, mad-daqqa t'għajn, ma jkunx jidher. B'mod partikolari, xerrej ma jistax jilgħabha tal-injorant fit- teknika jew fil-kumplessita' tal-ħaġa mixtrija biex jeħles mill-obbligu li jifli b'għaqal il-ħaġa minnu miksuba. Kemm hu hekk, jekk xerrej m'għandux il-ħila li jifli sewwa l-ħaġa mixtrija, għandu jdur għall-għajnuna ta' persuna midla jew imħarrġa f'dak l-oġġett."*

Dwar in-natura tad-difett, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Alexander Abela et vs Carmel Micallef et**, tad-9 ta' Jannar 2012, il-Prim Awla tal-Qorti Civili qalet illi:

> *"In-nozzjoni ta' 'difett' gie definit mill-Qrati taghna bhala li jikkomprendi kull anormalita, jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija li tigi riskontrata fil-haga u li, aktar jew anqas, tnehhilha l-attitudni ghall-uzu jew l-bonta jew l- integrita taghha apparti li jridu jkunu pre-ezistenti ghal ftehim (ara Emanuela Borg vs Carmelo Petroni noe, App Civ 29.01.1954).*
>
> *In kwantu ghan-natura okkulta tad-difett hu pacifiku mill- gurisprudenza illi d-difett ikun mohbi meta ma jkunx facilment reperibbli ghal bniedem mhux tas-sengha (ara Josephine Mallia vs Emanuel Abela et, App Civ 1.06.2007).*
>
> *Inoltre hu wkoll stabbilit illi d-difett innifsu irid ikun ta' certa 'gravita' relattivament ghal haga mibjugha u ghal prezz imhallas ghaliha fis-sens li l-Qorti trid tkun sodisfatta illi d-difett lamentat kien inaqqas talment il-valur li x-xerrej jew ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz inqas (ara Vincenza Scicluna vs George Azzopardi noe, App Civ*

*22.06.1959 Vol XLIII p1 p317).”*

Jirrizulta, fil-kaz odjern, illi d-difett illi minnu qieghed jilmenta ir-rikorrent kien carament wiehed mistur u certament ghandu jitqies bhala wiehed ta’ certa gravita, stante illi l-erbgha bibien tal-vettura huma milquta b’difett illi tista tissolva biss billi tali bibien jinbidlu kompletament.

Ikkunsidrat dan, il-Qorti trid tghaddi biex tikkunsidra it-talba ta’ riduzzjoni.

Jirrizulta illi, dwar il-fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit it-tnaqqis fil-prezz, ġie ritenut fil-kawza **Joseph Sciberras vs Joseph Debattista noe**, decizza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta` Jannar 2000,

> *“... f’azzjoni aestimatorja s-somma li ghandha titnaqqas, f`kaz li jirrizultaw difetti in vendita, m’ghandhiex tkun ekwivalenti ghas-somma mehtiega biex jigu rrangati d-difetti, izda l-Qorti ghandha tistabilixxi x’kien ikun il-prezz tal-bejgh fil-mument tal-kuntrattazzjoni kieku x-xerrej kien jaf bid-difetti lamentati.”*

Fil-kawża fl-ismijiet **Martin Bajada vs Anthony Paul Demajo noe**, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-7 ta’ Novembru 1988 gie ritenut:

> *“Illi fil-kaz ta’ l-actio aestimatoria, il-Qorti ghandha tistabbilixxi x’ammont anqas kien ihallas ix-xerrej li kieku, fil-mument tax-xiri, kien jaf bid-difett. Din hi materja pjutost soggettiva u fl-istess hin mhux bilfors tkun involuta l-ispiza necessarja ghar-rimedju tad-difett meta jinkixef. Ir-ricerka li ghandha taghmel il-Qorti hija necessarjament u unikament relatata ghaz-zmien li fih sar il-kuntratt tax-xiri. Il-kriterju sostanzjali skond l-artikolu 1424 tal-Kodici Civili huwa: li kieku x-xerrej kien jaf bid-difett dakinhar li resaq ghall-kuntratt, kemm kien joffri prezz anqas milli hallas?”*

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, fil-provi kollha prodotti mir-rikorrent, imkien ma’ qatt indika kemm kien dispost illi jhallas ghall-vettura kieku kien jaf bid-difetti illi l-vettura kellha.

Mill-banda l-ohra, jirrizulta inkontestat illi minn dakinhar illi huwa xtara il-vettura sa llum, huwa regolarment uza l-vettura ghall-uzu illi taghha kienet intiza, ossija Taxi, u r-rikorrent ma ressaq ebda prova li turi illi, bhala rizultat tad-difett minnu lamentat, huwa tilef l-uzu taghha u/jew naqqas il-qliegh tieghu mis-servizz minnu res bl-uzu tal-vettura mibjugha lilu mis-socjeta intimata.

Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi d-difett illi minnu jillamenta r-rikorrent u li rrizulta ben ippruvat fil-kawza odjerna kif ukoll ammess u accettat mis-socjeta intimata huwa tali illi certament dina l-Qorti ma tistax tosservax illi, ghall-prezz originalment mhallas mir-rikorrent, ossija ftit aktar minn €36,000, huwa kien jippretendi illi jkollu vettura minghajr ebda problema serja fiha, aktar u aktar problema ta’ sadid.

Il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi ghalhekk r-rikorrent kien ihallas anqas jew inkella ma kienx jixtriha.

Il-Qorti tifhem illi, kif stqarr ir-rappresentant tas-socjeta intimata quddiem dina l-Qorti a fol 93, is-socjeta intimata **ghadha disposta illi toffri** illi tbiddel il-bibien kollha a spejjez taghha u tisprajja il-bibien kollha u kull fejn kien hemm sadid, kif ukoll taghti l-garanzjiji kollha taghha fuq il-materjal u xoghol taghha u tipprovdi lir-rikorrent vettura ohra li seta juza bhala taxi ghall-periodu tax-xoghlijiet, liema offerta hija kkonfermat illi kienet ghadha vigenti quddiem dina l-Qorti.

Il-Qorti tosserva ukoll illi l-kawza odjerna ma tirrigwardax ix-xoghlijiet ta’ riparazzjoni tal-vettura, izda unikament id-dritt ta’ riduzzjoni fil-prezz tal-vettura, u ghalhekk tifhem illi l-kwistjoni ta’

riparazzjoni ghadha regolata minn dak illi r-rappresentant tas-socjeta intimata sahaq illi ghadha vigenti a favur tar-rikorrenti quddiem dina l-Qorti.

Tenut kont ta' dana kollu, u stante illi r-rikorrent ma ressaq ebda tip ta' indikazzjoni dwar x'kienet il-pretensjoni tieghu dwar b'kemm kellha tigi ridotta l-prezz tal-vettura, il-Qorti qieghda tasal ghal konkluzjoni illi t-tnaqqis tal-prezz ghandu jkun ta' elf u hames mitt Euro (€1,500).

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemham,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz quddiemha billi

**Tilqa** t-talba attrici, u ghalhekk,

**Tiddikjara** illi l-vettura Toyota Avensis bin-numru ta' registrazzjoni HTY 015, illum TAXI 222 kienet milquta minn difetti li ma jidhrux u li jnaqqsu l-valur taghha tant illi r-rikorrent kien joffri prezz anqas.

**Tistabilixxi** illi l-parti tal-prezz li ghandu jigi mnaqqas minn tali prezz tenut kont ta' tali difett ghandu jkun ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent is-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) ghar-ragunijiet fuq indikati.

Spejjez tal-proceduri kollha u imghax fuq is-somma fuq indikata mid-data tal-presentata ta' dana ir-rikors sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur